

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud għaliex manifestament inammissibbli sa fejn dan huwa indirizzat kontra l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviż u l-Kultura (EACEA).
- 2) Ir-rikors huwa miċħud parzialment għaliex manifestament inammissibbli u parzialment għaliex manifestament infondat fid-dritt, sa fejn dan huwa indirizzat kontra l-Kummissjoni Ewropea.
- 3) It-talba għal ġħajnuna legali hija miċħuda.
- 4) Rinaldo Pilla huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 6, 9.1.2017.

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Novembru 2017 – Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (Kawża T-391/17 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej — Protezzjoni tal-minoritajiet nazzjonali u lingwistiċi u tishħiħ tad-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni — Prinċipju ta’ attribuzzjoni — Talba ta’ sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Assenza ta’ urġenza”)*

(2018/C 013/31)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Rumanija (rappreżentanti: R.-H. Radu, C.-M. Florescu, E. Gane u L. Litu, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: H. Krämer u L. Radu Bouyon, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/652 tad-29 ta' Marzu 2017 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem “Minority SafePack — miljun firma għad-diversità fl-Ewropa” (ĠU 2017, L 92, p. 100).

## Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

## Rikors ippreżzentat fit-8 ta' Settembru 2017 – Activa Minoristas del Popular vs BĊE u SRB

(Kawża T-618/17)

(2018/C 013/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Activa Minoristas del Popular. Asociación para la tutela de los inversores minoristas afectados por la resolución, supervisión y gestión del Banco Popular (Madrid, Spanja) (rappreżentant: C. Arredondo Diaz, avukat)

**Konvenuti:** Il-Bank Ċentrali Ewropew u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

### Talbiet

- tilqa' dan ir-rikors għal annullament;
- tiddikjara li r-rikorrenti għandha d-dritt ta' aċċess għall-fajl li jikkonċerna r-riżoluzzjonijiet ikkcontestati;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Bord Unika ta' Riżoluzzjoni u tiddikjaraha nulla u bla effett mid-data tal-adozzjoni tagħha, u sussidjarjament, fil-każ li l-annullament tagħha jkun impossibbli, tiddikjara li hemm dritt għal kumpens għal danni kkawżati bħala riżultat ta' din;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti, kif ukoll għall-ispejjeż sostnuti sad-deċiżjoni finali tal-Qorti Ġenerali.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-481/17, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-482/17, Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-483/17, García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-484/17, Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, T-497/17, Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, u T-498/17, Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

### Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2017 – Spinoit vs Il-Kummissjoni et-

(**Kawża T-711/17**)

(2018/C 013/33)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Bernard Spinoit (Charleroi, il-Belġju) (rappreżentant: H. Hansen, avocat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

### Talbiet

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;
- konsegwentement,
- tannulla d-deċiżjoni mingħajr data u ffirmata eletronikament fit-3 ta' Awwissu 2017, bit-titolu "Talba għas-sostituzzjoni tal-espert prinċipali Nru 3 tal-kuntratt ENPI/2016/381-920 SOFRECO "Reklutaġġ ta' assistenza teknika għall-programm ta' sostenn għall-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (P3A III)";
- taqta' u tiddeċiedi li hemm lok għal kumpens sħiħ għad-dannu materjali u morali kkawżat lir-rikorrent minħabba ksur serju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba li jikkonsisti fl-adozzjoni tad-deċiżjoni mingħajr data u ffirmata eletronikament fit-3 ta' Awwissu 2017, bit-titolu "Talba għas-sostituzzjoni tal-espert prinċipali Nru 3 tal-kuntratt ENPI/2016/381-920 SOFRECO "Reklutaġġ ta' assistenza teknika għall-programm ta' sostenn għall-implementazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (P3A III)";